# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Regolament 4 u 8 tar-Regola 1939,**
**GN 292/1939**
**Artikolu 10(1) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Neville Aquilina**
**V**

**RITA SCHEMBRI**
**OMISSIS**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Awissu, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **RITA SHCEMBRI** ta' tmienja w ghoxrin sena, mart Carmelo bint Gerald Bondin u Josephine nee Lautier, imwielda l-Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Settembru, 1968 u toqghod 126, Triq San Giusepp, Alley 1, Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita numru 390968M, giet mressqa quddiemha akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fis-sebgha ta' Ottubru, 1996 u f'dawn l-ahhar tnax il-xahar qabel din d-data;

a. forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanufattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Talli kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienetx fil-pussess

t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanufattura jew tforni d-droga msemmija u meta ma kienetx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu personali taghha.

c. Talli kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija nhar d-disgha ta' Marzu, 1995.

Il-Qorti giet mitluba sabiex apparti l-piena tordna lil imputata thallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kontr'ordni mibghut mill-Avukat Generali fid-disgha w ghoxrin ta' Novembru, 2000 esibit a fol 363 tal-process.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju u l-provi tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta anke mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata b'mod voluntarju nhar t-tmienja ta' Ottubru, 1996 esibita fl-atti a fol 112, li hija kellha l-vizzju mishut tal-abbuz ta' droga Eroina u Kokaina u li tali vizzju kien ilu fuqha sa mis-sena 1991. Illi hija stqarret li kienet tonfoq madwar hmistax il-lira maltin jew ghoxrin lira maltin kuljum fid-droga Eroina. Hija stqarret li kienet tixtri d-droga minghand 'Cikku' li kunjomu ma kienetx tafu. Hija spjiegat li dan 'Cikku' ghandu hamsin sena u joqghod l-Housing Estate ta' B'Bugia u li ghandu razzett bejn B'Bugia u z-Zurrieq fejn Hal Far. Hija tat deskrizzjoni tieghu u cioe li ghandu statura imbacca, qasir u bla xaghar.

Illi nhar s-sebgha ta' Ottubru, 1996 hija kienet fil-kumpanija ta' certu Luciano Vella u Stanley u marret tixtri d-droga Eroina minghand dan 'Cikku'. Ikkonfermat li xtrat hames grammi ghal prezz ta' mija hamsa w ghoxrin lira maltin. Minn dakinhar li marret fid-dar ta' Luciano Vella, hija flimkien ma terzi bdiet tipprepara d-droga go qratas tal-karti. Hija qalet li kienet taghti d-droga lil Luciano Vella peress li kien jghinha. Qalet wkoll li f'okkazzjonijiet ohra gieli tat droga lil terzi persuni bla hlas.

Illi ghalhekk minn ezami ta' dan d-dokument jirrizulta bic-car li l-imputata kif del resto ex admissis stqarret hi stess, kellha l-pussess tad-droga Eroina u fornietha lil terzi fil-perjodu tas-sebgha ta' Ottubru 1996 u fix-xhur ta' qabel din d-data.

Illi dwar il-piena l-Qorti nnominat lil Probation Officer Marietta Lanzon b'digriet taghha tal-wiehed u tletin ta' Jannar, 2001 sabiex thejji pre sentencing report dwar l-imputata.

Illi fl-ghoxrin ta' Mejju, 2002 l-istess Probation Officer Marietta Lanzon ippresentat u halfet dan r-rapport li gie mmarkat bhala dokument ML.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputata kellha diversi problemi f'hajjitha. Kienet t-tifla z-zghira minn sitt ahwa u z-zwieg taghha kien wiehed qasir w infelici, tant li dam biss sebgha snin. Illi nfirdet minn ma zewgha Charlie u z-zewg ulied komuni mitwielda fiz-zwieg giet fdata fil-kura u kustodja ta' missierhom. Rita Schembri imbaghad qabdet t-triq l-hazina u bdiet tabbuza bid-droga tant li bdiet relazzjoni ma terza persuna li lum tinsab tiskonta sentenza ta' prigunerija u li minn din r-relazzjoni twieldet tarbija ohra Kimberly.

Illi l-Probation Officer irrilevat li minn mindu l-imputata harget tqila bit-tielet wild taghha, hija waqfet ghal kollox mit-tehid ta' droga u fil-fatt kellha kuntatt regolari mad-Detox. Illum il-gurnata l-imputata m'ghandhix aktar din il-problema u tghix ma tnejn mit-tlett uliedha. Il-Probation Officer thoss li piena karcerarja tista tkun ta' detriment kemm ghal imputata u wisq aktar ghal uliedha, molto piu meta tqis li hija persuna mibdula fis-sens li rriformat ruhha fejn tidhol d-droga u li ghandha impjieg regolari ma Clean Masters Company Limited ta' Hal Luqa u dan b'effett mill-ewwel ta' Dicembru, 2000, kif jirrizulta mill-formola tal-ETC annessa mar-rapport markat bhala dokument ML.

L-imputata wkoll ghazlet li tixhed u tikkonferma l-istqarrija li kienet rrilaxxjat nhar t-tmienja ta' Ottubru, 1996 u kkonfermat wkoll li ilha hames snin izzomm l' boghod mill-vizzju mishut tad-droga u li llum tinsab qed tahdem b'mod regolari.

**Stephania Caruana li hija social worker xehdet** fis-seduta tat-tletin ta' Lulju, 2001 fejn qalet li ilha ssegwi lil imputata sa mis-sena 1995, l-ewwel fil-kapacita taghha ta' Probation Officer u wara dik ta' Social Worker. Qalet li l-imputata dejjem ikkoperat maghha u zammet l-appuntamenti ta' counselling. Ikkonfermat li l-imputata hadmet hafna fuq il-problema li kellha u cioe l-abbuz u tehid ta'droga u li fil-present tinsab f'sitwazzjoni tajba hafna. Hija thoss li t-*turning point* taghha kien meta harget tqila bit-tielet tarbija. Hija tikkonsidra dan il-kaz tal-imputata bhala wiehed ta' success.

**Josette Camilleri li hija addetta mal-agenzija Sedqa, xehdet** nhar s-sebgha ta' Dicembru, 2001 u qalet li kienet ilha taf lil imputata ghal perjodu ta' tlett snin. Tafha bhala bniedma ta' determinazzjoni qawwija biex tohrog mill-problema ta' droga. Infatti meta nqabdet tqila bit-tielet wild taghha, bl-ghajnuna tas-Sedqa waqfet minn din il-problema u baqghet '*clean*' sa llum.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita u facilita biex vittmi tad-droga jfiequ minn dan il-vizzju.  Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien qieghed quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u minn veru wera rieda tajha u affidabilita u ghalhekk kien jisthoqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti thossha konvinta li l-imputata harget minn din il-problema tant mishuta u jirrizulta bic-car li l-isforz taghha kien wiehed genwin u kbir sabiex irnexxilha tgheleb dan il-vizzju li kien ilu fuqha ghal snin twal.

Il-Qorti ghandha tawgura l-affidabilita w is-sincerita li wriet l-imputata tul dawn il-proceduri li ilhom ghaddejjin erbgha snin u nofs.

Jirrizulta wkoll mid-dokmumentazzjoni esibita fl-atti li l-imputata rnexxilha tirrintegra ruhha fis-socjeta tant tajjeb li anke l-fondazzjoni Eden hija lesta li lil imputata toffrilha l-istabbiliment taghha ghal Community Service.

Illi l-imputata ghandha tibbenefika minn dak li jiddisponi l-artikolu 29 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex din il-Qorti thoss li l-imputata ghenet lil Prosekuzzjoni sabiex jaqbdu lil min kien qed jipprovdiha bid-droga. Mill-provi infatti jirrizulta mix-xhieda li ta l-Ufficjal Prosekutur nhar l-wiehed u ghoxrin ta' 2001 illi l-Pulizija resqet lil dan 'Cikku' imsemmi mill-imputata fl-istqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni il-Qorti u l-proceduri fil-konfront tieghu ghadhom ghaddejjin.

L-imputata kienet, wara li nqabdet bid-droga, qalet lil Pulizija s-sors tad-droga, ossia minn kien tahielha, x'kienet ser taghmel biha u dan fl-istqarrija. Hija kkonfermat din l-istqarrija bil-gurament l-Qorti.

Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ghaliex din il-Qorti m'ghandhix temmen lil imputata f'dak li qalet fis-sena 1998 u kkonfermat minnha erbgha snin wara fis-sena 2002. Anzi, semmai jirizulta li pendenti l-Qorti hemm proceduri ta' spacc ta' droga fil-konfront tal-persuna imsemmija mill-imputata maghrufa bhala 'Cikku'.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tinzel taht l-minimu stabbilit bil-ligi.

Bejn r-reat ta' traffiku u dak ta'pussess jezisti f'dan il-kaz, in-ness tal-mezz ghal fini skond l-paragrafu (h) tal-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk wiehed ghandu jimxi fuq il-piena ghar-reati l-aktar gravi li hu dak ta' traffikar.

Illi fic-cirkostanzi il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe r-Regolament 4 u 8 tar-Regola 1939, GN 292/1939 u l-artikolu 10(1) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat wkoll s-sentenza esibita a fol 54 tal-atti markata bhala dokument NA 6, sentenza moghtija fil-konfront tal-imputata nhar d-disgha ta' Marzu, 1995 mill-Qorti tal-Magistrti, kif konfermata mill-Assistant Kummissarju fil-konfront tal-istess imputata fejn fid-disgha ta' Marzu, 1995 hija kienet inghata probation order ghal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzi odjerni li l-Qorti qed issib lil imputata hatja taghhom u cioe pussess u traffikar ta' droga, saru f'dan iz-zmien tal-

probation u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li l-imputata hija hatja talli kisret ordni ta' probation.

Skond l-artikolu 22(2)(b)(I) tal-Kap 101 ghandha dejjem tigi applikata piena pekunjarja flimkien ma dik ta' prigunerija u ghalhekkk ser **tikkundanna lil imputata RITA SCHEMBRI ghal xahrejn prigunerija oltre l-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin.**

**Il-Qorti qed taghti l-facilita lil imputat RITA SCHEMBRI ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-multa inflitta b'din s-sentenza, tithallas f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin u fin-nuqqas ta' pagement wiehed, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija.**

**Il-Qorti tordna wkoll li z-zmien li l-imputata RITA SCHEMBRI ghamlet taht arrest preventiv jitnaqqas miz-zmien ta' prigunerija moghtija permezz ta' din s-sentenza.**

**Il-Qorti qeghda wkoll tpoggi lil istess RITA SCHEMBRI taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Marietta Lanzon ghal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht l-kuindizzjonijiet segwenti:**

1. **li l-imputat probationer tobdi d-direttivi u ordnijiet moghtija lilha mill-Probation Officer matul l-perjodu kollu ta' din l-ordni ta' supervizzjoni;**
2. **li l-imputata probationer taghmel servizz lil komunita u appuntu mal-Fondazzjoni Eden ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' mitt siegha u dan bir-rata ta' mhux inqas minn erbgha sieghat fil-gimgha;**
3. **li l-Probation Officer ghandha tkun f'kuntatt kontinwu bejn il-probationer u d-Direttur tal-Fondazzjoni Eden sabiex il-probation officer tkun infurmata b'dak is-servizz li ser taghti l-probationer u l-probation officer b'hekk ghandha taghmel viziti ghal gharrieda waqt li l-istess probationer tkun qed taghti tali servizz;**
4. **il-Qorti tordna lil Probation Officer li iggib quddiem l-istess Qorti lil probationer darba kull sitt xhur sabiex il-Qorti tkun infurmata bil-progress u rihabilitazzjoni assuluta u kompleta tal-istess probationer;**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil Probation Officer Marietta Lanzon.**

**Il-Qoreti Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**